TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Anthony Spiteri

vs

Xtreme

CCT 40/17/MS

31 ta' Lulju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta' Frar 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €89.99, prezz ta' Tritton AX Gaming head-set li xtara minghand l-azjenda intimata, liema head-set kien difettuz u ma ffunzjonax tajjeb.

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata fl-24 ta' Frar 2017 kif ukoll fl-17 ta' April 2017 baqghet ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrent u lanqas ma dehret ghas-seduta fissati quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema r-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-27 ta' Marzu 2015 ir-rikorrent xtara head-set tad-ditta Tritton AX 180 ghall-prezz ta' €89.99. Skond id-dokument ezebit mill-istess rikorrenti, dan il-bejgh kellu jkun kopert b'garanzija ta' sentejn. Jidher illi ir-rikorrent kellu diffikultajiet biex ihaddem dan il-head-set u kull darba illi jilmenta mal-azjenda intimata, din tghidlu li ma kienx qed iwahhalhom sew. Talab illi jigu huma ( cioe li jigu l-azjenda intimata) a spejjes tieghu pero' dawn irrifjutaw. Fl-ahhar ir-rikorrent gab il-xi hadd tekniku li riskontra hsara fil-head-sets. Ghall-ewwel l-azjenda intimata accetat illi tbiddel il-headset pero rega' bdielha ghax qalet li minn fejn xtrathom hi, sena garanzija biss jaghti.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' intimata peress illi din qatt ma dehret quddiemha u l-anqas ma pprezentat risposta ghat-talba tar-rikorrent. It-Tribunal ihoss illi l-versjoni moghtija mir-rikorrent hija wahda veritjera u ma ssib l-ebda raguni il-ghala ghandha tiddubita mix-xhieda guramentata moghtija mir-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba u jikkundanna lill-azjenda intimata li tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' €89.99, prezz ta' headset difettuz, b'dan illi s-socjeta' intimata jkollha dritt tiehu lura l-headset li jinsab ezebit gol-process, fi zmien xahar mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**